MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 325/2009

**Ghaqda Maltija ghat-Trasport tal-Morda f'Lourdes**

**Vs**

**(1) Paul Zammit [ID. 538546M]**
**(2) Emanuela Zammit [ID. 601414M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-Ghaqda attrici talbet lill-konvenuti sabiex ihallsuha ghall-pellegrinagg li telaq minn Malta ghal Lourdes u li sar bejn is-27 u l-31 ta' Lulju, 2008 bil-prezz ta' hames mitt euro kull persuna, L-istess ghaqda talbet ukoll l-imghax legali u l-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri legali datati 29 ta' Settembr, 2008 u tas-7 ta' Dicembru, 2008 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti gew debitament notifikati tant illi resqu fis-26 ta' Mejju, 2009 risposta wahda li tghid li "*l-ammont mitlub m'ghandux jithallas mill-konvenuti lill-Ghaqda attrici u dan billi s-servizz mibjugh mill-ghaqda attrici lill-konvenuti ma kienx tal-kwalita miftiehma u dana hekk kif se jipprovaw il-konvenuti waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza*". Il-konvenuti rriservaw id-dritt taghhom li jressqu linji difensjonali ohra permessi lilhom mill-ligi.

Semgha' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti rilevanti, u li jirrizultaw mix-xhieda prodotta huma s-segwenti:-

i. **Anthony Falzon**, li xehed fis-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal nhar id-9 ta' Marzu, 2010 stqarr li huwa jiehu hsieb jorganizza l-pellegrinaggi ghal Lourdes. Izid ighid li kull sena bejn l-ahhar ta' Lulju u l-bidu ta' Awissu jigi organizzat dan il-pellegrinagg. B'referenza ghal dan il-kaz, l-imsemmi xhud jghid li is-sena 2008 kienet is-sena tal-Gubilew u li xi ftit taz-zmien qabel ma telaq dan il-pellegrinagg minn Malta, kienu saru xi cancellations. Zied ighid li biex ippruvaw jimlew il-postijiet li kienu tbattlu, huma kienu gabu riklam fuq Radju Marija. Xi kaxxiera minn ta' l-ghaqda cemplet lil dan ix-xhud u infurmatu li l-konvenuti setaw jkunu interessati sabiex jiehdu zewg postijiet milli kienu gew ikancellati. Fil-fatt, dan ix-xhud cempel lil-konvenuti u wara li nghata d-dettalji saru l-*bookings* necessarji. Ix-xhud ighid ukoll li huwa inzerta kien jafu lil konvenut u peress li bejn meta sar il-booking sakemm kellhom isiefru ma kienx hemm xi tul taz-zmien, kien gie miftiehem li l-pagament ta' €500 ghal kull persuna issir l-airport jew inkella gewwa l-lukanda. Dan ix-xhud finalment jistqarr li l-konvenuti kienu marru ghal dan il-pellegrinagg pero hlasijiet baqghu qatt ma ghamlu. Ghar-rigward ta' l-ammont ta' €500, dan kien jinkludi t-trasport, l-ajru, l-akkomodazzjoni u kif ukoll l-ikel. Fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2012, sar il-kontro-ezami ta' dan

ix-xhud. Ix-xhud qabel mal-fatt li r-riklam fuq Radju Marija kien sar gurnata wahda qabel it-tluq tal-pellegrinagg. Mistoqsi jekk jiftakarx kif inghata d-dettalji tal-konvenuti, dan ix-xhud ighid li huwa kien cempel id-dar tal-konvenuti u hemm kellem persuna tas-sess femminili u lil minn kellem fuq it-telefon "*kienet identifikat ruhha bhala t-tifla ta' Mrs. Emmanuela Zammit*". Huwa nnegga l-fatt li d-dettalji tal-konvenuti setat taghthomlu xi impjegata tieghu anzi jghid li "*kif diga ghidt kienet cemplitli wahda mill-kollegi tieghi u qaltli biex incempel dak in-number ta' Emmanuel Zammit u dana ghaliex jiena kont qed niehu hsieb il-bookings u kont jien li kont qed niehu hsieb il-hotels u l-airlines, din il-kollega tieghi jisimha Maria Schembri anzi Marianne Schembri fil-fatt isimha kien jinstema fl-avviz fuq Radju Marija. Jiena nerga nikkonferma illi dettalji ta' Emmanuela Zammit gbarthom jiena stess*".

ii. **Michael Camilleri**, stqarr li fis-sena 2008 huwa kien inkarigat jiehu hsieb gruppi ta' nies li kienu sejrin Lourdes. Oltre dan, huwa kien inkarigat minn grupp zghir li kien jifforma parti minn grupp akbar. F'dan il-grupp zghir kien hemm il-konvenut, li dan ix-xhud stqarr, jafu personalment. Izid ighid li l-konvenut kien mal-mama tieghu ghal dan il-pellegrinagg. Mistoqsi jekk jafx b'xi lmenti li kien ghamel il-konvenut, dan ix-xhud ighid li dan Zammit "*qatt ma kellu lmenti kemm domna fil-btala u fil-lukanda; nghid illi l-unika darba illi ilmenta kien rigward li kien sab it-toilet mahmug, pero ma kienx minnu. Ghaliex jien u l-owner tlajna flimkien fil-kamra u nghid illi l-istess kamra tal-banju kienet nadifa tazza*". Ix-xhud jaghlaq billi jghid li huwa kien affronta b'dan il-fatt lil Zammit li ammetta mieghu li ma kienx minnu dak li kien ilmenta dwaru. Zied ighid ukoll li l-konvenuti damu ghat-tul tal-pellegrinagg maghhom u fil-fatt kienu nizlu lura Malta mal-grupp. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2012, sar il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud. Meta gie mistoqsi jekk il-konvenut Paul Zammit kienx qatt ilmenta mieghu jew qallu li huwa (cioe Paul Zammit) kien ilmenta dwar affarijiet ma persuni ohra nkarigati minn dan il-grupp, dan ix-xhud ighid li "*le qatt ma qalli xi haga f'dan is-sens l-anqas ma qatt qalli xi hadd iehor li s-Sur Zammit kien lmenta maghhom*".

iii. **Il-konvenut Paul Zammit** xehed fis-seduta tat-23 ta’ Marzu, 2012. Huwa qal li f’Lulju tas-sena 2008 huwa u l-mama tieghu kienu qeghdin jisimghu r-radju u f’dik l-okkazzjoni, li kienet is-Sibt, huma semghu riklam maghmul mill-Ghaqda attrici ghall-pellegrinagg lejn Lourdes li kellu jitlaq minn Malta l-ghada l-Hadd. Peress li kien ghad fadal xi postijiet vakanti, l-konvenut qabad u cempel u hemm kellem lil wahda mara u qalilha li kemm hu u kemm ommhu kienu mhajjra li jmorru dan il-pellegrinagg. Meta staqsieha x’riedu jaghmlu, din il-persuna, jghid il-konvenut qaltu “*just turn up*”. Il-konvenut ighid ukoll li lil din il-persuna spjegala li l-mama tieghu kellha erbgha u disghin (94) sena u li jaf kien ikollha bzonn xi ghajnuna. Huwa fil-fatt staqsa jekk ikunx hemm xi hadd li seta jghinu u r-risposta kienet li “*ikun hemm il-helpers*”. Dwar l-ambjent, din il-persuna nfurmat lill-konvenut li l-post kien wiehed accessibbli. Fil-fatt, ighid il-konvenut, l-ghada filghodu huma marru l-airport u siefru mal-grupp. L-ilmenti da parti tal-konvenut Paul Zammit bdew malli waslu l-ajruport ta’ barra minn Malta. Huwa lmenta mill-fatt li l-coach li bih kellhom jaslu sal-lukanda kien fiha xi sitt targiet u allura kellhu joqghod jiehu shieb li l-mama tieghu titla dawn it-tarag. L-istess dwar il-*hotel* u dan peress li din “*ma kinitx daqshekk facli ghalina sabiex immorru, kienet qeghda tinsab f’nofs nizla u minn hawn u minn hemm irnexxilna nidhlu fil-hotel, fil-fatt kont l-ahhar wiehed li dhalt. Lanqas kellha elevator fiha*”. Meta kienu qeghdin jaghmlu c-*check in*, tal-lukanda infurmawhom li ma kienux gew registrati maghhom. Wara li lestew mill-preliminari, marru fil-kamra taghhom u hemm sabu li kien hemm sodda kbira u sodda zghira u li biex tasal minn sodda ghal ohra ridt taqbez. Izid ighid li “*it-tiolet kien iswed mimli umdita*”. Dan kien hemm hmieg, skond il-konvenut, li minkejja li huwa ha d-*dettol* mieghu, huwa xorta ma setax jnaddfu. Ghalhekk l-ghada filghodu mar fir-reception u hemm ghamel *complaint* maghhom u qalhom li jekk mhux ser jiehdu hsieb biex is-sitwazzjoni taghhom titranga, huwa kien ser igib il-Pulizija. Ghar-rigward tal-ikel servut fil-*hotel*, il-konvenut ighid li forsi kien hemm xi okkazzjoni wahda li huma kielu hemm. Li kienu qeghdin jaghmlu huwa li jew jixtru l-ikel min barra u jehduh maghhom il-lukanda u jieklu hemm jew inkella jieklu barra.

Meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk kellux xi ilmenti ghar-rigward "*tal-biljetti ta' l-ajru u hlasijiet illi saru mis-socjeta attrici f'dan ir-rigward ghan-nom tieghi nghid illi jiena m'ghandi nilmenta xejn l-unika haga li nista nghid huwa li kien hemm saghtejn delay*". Lanqas ma kien hemm *wheelchairs*. Meta gie kontro-ezaminat fl-istess seduta, l-konvenut ighid testwalment hekk "*mistoqsi jekk kienx jigi servut lilna breakfast, lunch u dinner nghid illi fuq il-lista kien hemm pero ghalina ma kienx tajjeb ghalina. Mistoqsi jekk il-mama tieghi gietx registrata bhala pazjenta nghid illi le kienet giet registrata bhala persuna pellegrina normali*".

6. Permezz ta' din il-kawza, l-Ghaqda attrici qeghda titlob il-hlas komplessiv ta' elf euro (€1,000) minghand il-konvenuti u dan ghal pellegrinagg li kien sar minnha lejn Lourdes f'Lulju, 2008. F'dan l-ammont kien hemm inkluz kollox u cioe t-trasport, l-ajru, l-akkomodazzjoni kif ukoll l-ikel. Da parti taghhom, il-konvenuti qed jikkontestaw dan il-hlas peress li s-servizz mibjugh lilhom mill-Ghaqda attrici ma kienx tal-kwalita mifthema.

7. Issa t-Tribunal, wara li semgha u ezamina x-xhieda prodotta huwa tal-fehma li l-konvenut qieghed jesagera l-fatti u dan sabiex huwa ma jhallas dak dovut mill-istess konvenuti. Qieghed jinghad hekk l-ghaliex meta waqt il-kontro-ezami ta' Michael Camilleri giet impostat lilu l-mistoqsija jekk il-konvenut kienx qatt ilmenta mieghu jew qallu li huwa (cioe Paul Zammit) kien ilmenta dwar affarijiet ma persuni ohra nkarigati minn dan il-grupp, dan ix-xhud ighid li "*le qatt ma qalli xi haga f'dan is-sens l-anqas ma qatt qalli xi hadd iehor li s-Sur Zammit kien lmenta maghhom*". Kull ma kien hemm kien l-ilment, jekk wiehed jista jsejjahlu hekk, tat-toilet u cioe li l-konvenut qal li t-toilet kien iswed mimli umdita. Ix-xhud Camilleri mar jara biex jivverifika dan l-ilment u fil-fatt ma sab xejn minn dan kollu. It-Tribunal jassumi li jekk wiehed mill-grupp imur fir-reception tal-lukanda u jghidilhom li jekk is-sitwazzjoni mhux ser titranga huwa kien ser igib il-pulizija, l-istess management tal-lukanda kienu jiehdu hsieb li jikkomunikaw ma minn kien responsabbli mill-grupp biex jaraw xi problemi kien hemm u kif setghu jittrangaw. Dan

ma garax l-ghaliex, fil-fehma tat-Tribunal, ilmenti ma kienx hemm.

8. L-uniku darba li l-konvenut Paul Zammit ressaq l-ilmenti tieghu formalment – ghalmenu mill-provi prodotti hekk jirrizulta – kien quddiem it-Tribunal. Beda jsostni li l-lukanda ma kellhiex *elevator*, li l-access ghaliha ma kienx wiehed facli, li l-ikel taghha ma kienx tajjeb ghalihom. Semma' ukoll il-fatt li l-mama tieghu ghandha 94 sena u ghalhekk riedet l-ghajnuna. Pero meta gie mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa irregistrax lil mama tieghu – konvenuta f'dawn il-proceduri – bhala pazjenta huwa jghid li *"le kienet giet registrata bhala persuna pellegrina normali*". Allura t-Tribunal jistaqsi kif ried il-konvenut jibbenefika minn xi ghajnuna addizzjonali li l-grupp seta ta' lil pellegrini li kienu registrati bhala pazjenti. It-Tribunal jifhem li s-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku l-konvenut irregistra lil mama tieghu bhala pazjenta u dan fis-sens li kien ikun hemm persuna addetta maghha biex ighina, flimkien ma binha, fil-htigijiet kollha taghha. Minn dan kollu pero ma kien hemm xejn l-ghaliex il-konvenuti – t-tnejn li huma – kienu registrati bhala pellegrini normali.

9. Apparti dan kollu, ma jidhirx li kien hemm xi lmenti dwar il-vjagg bl-ajru – salv ghal fatt li kellhom jistennew xi saghtejn l-airport ta' Malta minhabba xi *delay*. Dan il-fatt zgur mhux imputabbli ghall-ghaqda attrici. Kif lanqas ma kien hemm ilmenti dwar it-trasport – salv ghas-sitt targiet li l-konvenut kellhu jghin lil mama tieghu biex titla sabiex tkun tista tidhol fil-*coach* biex twassalhom sal-lukanda.

10. Il-konvenuti mbaghad baqghu qatt ma resqu li xi hadd mill-pellegrini l-ohra sabiex jikkorraboraw b'xi mod it-tezi taghhom ghar-rigward tal-allegat hmieg fil-kamra taghhom u jew ghar-rigward ta' l-ikel li huma ma kielux mill-*hotel*. Kull ma xehdu kienu tlieta min-nies. Zewg membri ta' l-ghaqda attrici u l-konvenut Paul Zammit. It-Tribunal rinfaccjat bil-verzjoni ta' zewg persuni li ma gietx kontradetta bl-ebda mod, huwa tal-fehma li dak li nghad minnhom ghandhu mis-sewwa. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-

konvenuti li s-servizzi mibjugha mill-Ghaqda attrici ma kienux tal-kwalita miftehma qeghda tigi rigettata.

11. Maghdud dan kollu, u mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-valur tal-pakkett ma kienx xi wiehed straordinarju, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuti ghandhom ihallsu dak kollu li qeghda titlob l-Ghaqda attrici.

12. Illi ghalhekk, il-konvenuti ghandhom, in solidum, ihallsu lill-ghaqda attrici s-somma mitluba ta’ elf euro (€1,000).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu, *in solidum*, is-somma ta’ elf euro (€1,000) lill-Ghaqda attrici, bl-imghaxijiet skond il-ligi li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna u cioe mit-22 ta’ April, 2009.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------